LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

JANNAR u FRAR 1936] IL-ĦAMES SENA [Għadd 59 u 60

# IL-ĦTIEĠA TA' ĠURNAL GĦAT-TFAL

Kull art li trid tara 'l uliedha ż-żgħar jieħdu fehmiet tajba, għarfet il-ħtieġa kbira ta' ġurnal imżewwaq b'tagħlim li jolqot il-qalb taċ-ċkejknin, u jixegħlilhom il-ħsieb bl-ewwel dehriet tal-ħajja kif inhi. Il-karattru tat-tfal għandu jieħu l-ewwel post fil-ħsieb ta' kull ġens, għaliex f'idejn it-tfal qiegħda l-ħajja li kull pajjiż għandu quddiemu, u lilhom kull biċċa art tkun taf il-ġieħ, il-hena, is-sebħ, il-kobor li mal-mixja taż-żmenijiet għad tikseb.

Kif iż-żrieragħ jitolbu t-tisqija biex jikbru fi xtieli u jiftħu f'ward sabiħ, ta' mitt lewn, hekk it-tfal jitolbu l-ikel ta' qari li jsaħħaħ l-għeruq ta' moħħhom, jiġri ġo demmhom, u jagħti l-ħajja lil qalbhom fit-tqanqil ħelu tagħha. It-tfal għad ma għandhomx il-fehmiet taghhom, għaliex il-bniedem jitgħallem mill-esperjenzi li jittieħdu mill-ħajja. Jinħtieġ xi ħadd li ġa għex il-ħajja, u li jkun jista' jaħseb għat-tiswir ta' fehmiet ġodda fit-tifel. Għalhekk twaqqfu l-iskejjel. Dan kien il-għan ewlieni li fuqu nbnew qawwija s-sisien ta' tagħlim, sabiex it-tifel ma jibqax, kif ingħidu aħna, lura. L-iskejjel huma l-ewwel li jagħtu fehmiet sodi. Il-ġurnal jimxi fit-triq tagħhom, isawwar fit-tifel, huwa wkoll, il-karattru, u jħarsu minn tagħlim ħażin. Il-fehmiet li jinbnew fuq fehmiet ħżiena jiġrilhom bħal ġebel ta' dar li wkoll jekk ikun tajjeb fih in-nifsu, la darba s-sisien ikunu ħżiena, jaqgħu.

Kull min messu jgħallem iż-żgħar ra tabilħaqq il-ħtieġ ta' ġurnal li jixraq ikun f'idejhom. Ma jistax ma

jisgħob bik xħin tara t-tfal tal-barrani aħjar minn tagħna kif jidher mit-taħdit tagħhom u minn kif jafu jfissru ħsiebhom. Mnejn ġej dan? Ġej milli t-tfal tal-barranin jitgħallmu lsien arthom sa minn ċkunithom, u jagħtuha għall-qari sa minn bikri, u hekk, il-moħħ tat-tifel barrani jkun stagħna b'idijiet u b'tagħrif fuq il-ħajja qabel il-moħħ tat-tifel tagħna. Jinħtieġ nilħqu 'l barrani millaħjar li nistgħu billi noħorġu ġurnal għat-tfal.

It-tifel tagħna b'ħafna tidwir ta' kliem li bosta drabi anqas biss ikun jaf xi jfisser, irid jurik ħjielu. Irid ifissirlek dak li leħħ f'ħin ta' ferħ jew ta' biki ġo moħħu, imma ma jistax, għax ma jsibx il-kelma sewwa, fejn u kif għandu jqegħedha. Nuqqas ta' qari! Imma, ara t-tifel tal-barrani kemm itaqtaq għal ħdejn tagħna. Din il qabża bejn il-barranin u wliedna ġejja (ma nisthux ngħidu) min-nuqqas kbir ta' tixrid ta' qari li għandna ġo artna.

Dan iżda ma hux l-agħar: tajjeb jew ħażin, b'kelma mġebbda minn hawn u minn hemm, fl-aħħar jagħraf igħid dak li jixtieq. Imma l-ħsieb? Kemm hu nieqes ħdejn tal-oħrajn, u kemm hu battal u bla dawl ta' tagħlim. Tistagħġeb tisma' tifel, ngħidu aħna, ingliż—għadu bilkemm qabeż it-tnax il-sena—jitkellem dwar in-nies tażżmenijiet ta' ilu meta ċ-ċiviltà kienet għadha sekli lura; igħid u jfisser ir-raġuni ta' bosta għeġubijiet tan-natura bħalma huma tal-kwiekeb li jiċċaqalqu fuq rasna nkella tal-baħar li jinqaleb mill-bnazzi għall-maltemp. Huwa għandu bidu ta' tagħrif fuq l-ewwel nies li qasmu l-ibħra u sabu artijiet fil-bogħod. Jaf min ħadem b'imħabba tabilħaqq għal artu u ħalla għelma ta' ġieħ li ma titħassarx mas-snin, u min bħal ħuġġieġa ward imlewwen xerred ilversi fil-kotba li sawwru l-ħajja letterarja tal-pajjiż. Mhux biss dan, imma t-tifel jaf ukoll x'inhu jsir il-lum madwarna: jaf xi ħaġa fuq ix-xjenza li qed tbiddel iddinja mil-lejl għan-nhar, u dan jafu, imbarra minn dak li sama', ukoll minn dak li qara, u hekk l ewwel esperjenzi ta' ħajtu fit-tagħlim jitwaħħlu iżjed bis-saħħa ġo moħħu.

B'xorti ħażina, it-tifel tagħna mhux hekk. Fih ma hemmx, kif għidna l-quddiem, dak l-ikel ta' qari li jitma' l-ħsieb. Għalih, minbarra dawk il-ħwejjeġ li jara ta' kuljum madwaru, ma jgħix xejn aktar.

Jinħtieġ ġurnal li jgħodd għalih. Min sa jieħu f'idejh din il-biċċa xogħol? Għadna iebsa, nafu. Iżda jekk wieħed iwaħħalha f'rasu li jidħol għal dan ix-xogħol, ikun sa jagħmel ġid tassew kbir. L-ewwel għax sa minn ċkunithom, it-tfal jidraw jaqraw kitba maltija mżewqa sabiħ, mirquma mill-aħjar bi proża u b'poeżija ħelwa li taqbel għal żmenijiethom, u hekk, meta jikbru, ma jikbrux b'dik il-bruda għall kull ma hu malti. Il-lum tara żgħażagħ illi bħan-nies li ma jafux xinhuma jagħmlu, jitħaddtu bil-malti (għax dak l-aħjar li jafu) biex imaqdru l-malti. Dan ġej għax fi tfulithom huma ma tgħallmux jaraw is-sabiħ tal-kitba maltija u moħħhom ma nfetaħx biex jilqa' ġo fih il-għerf qadim li hemm miġbur fi lsienna. It-tieni jagħmel il-ġid għaliex, issa li l-Malti daħal fl-iskejjel u t-tfal iridu jitgħallmu jiktbu bl ortografija tal-Għaqda, meta jaqraw dak il-ġurnal, bla jafu kif, jidraw iħaddmu tajjeb il-kelma hekk kif qrawha.

Dan il-ġurnal għandu jkun meħlus minn xejra li ma taqbelx għat-tfal. Miktub bir-reqqa, imżejjen bi stampi, imsebbaħ b'tagħlim fuq reliġjon, ġjografija, storja tal-pajjiż, storja naturali, l-ewwel elementi tax-xjenza, bjografiji fil-qosor, u suġġetti oħra, ma jistax ma jogħġobx, mija fil-mija, lit-tfal li jibdew, b'qalb xewqana kemm ferrieħa jistennew kull ħarġa tiegħu. Inżidu ngħidu, biex dal-ġurnal ikun tassew ħabib tat-tfal fil-ħinijiet tagħhom, artikli fuq dawn is-suġġetti għandhom ikunu miktuba kemm jista' jkun b'malti tajjeb, ħafif u mexxej, u biex ma jkunux xotti għandhom ikunu mżewwqa bl-ilwien tal-fantażija tal-kittieb li jogħġbu ħafna lit-tfal.

Dan il-ġurnal hu xogħol meħtieġ u ta' fejda. Jindaħal xi ħadd għalih? Nistennew u nittamaw.

Ġ. CHETCUTI.